MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2001

Numru 177/2000

**Il-Pulizija**
(Spettur Alexandra Farrugia Mamo)
**vs**
**Roderick Dingli**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Roderick Debono ta' 19 il-sena, iben John u Carmen nee' Bartolo, imwieled Pieta' fid-29 ta' Mejju 1980 u residenti Blumen Mikiel Ang Sapiano Street, Luqa. Detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 271880 (M).

Talli :-
F'dawn il-gzejjer, f'dawn l-ahhar snin b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:-

B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-eziztenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarjin jew sabiex  tqaqnqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn LM900 ghad-dannu ta' Raymond Grima, Black Toe tal-Mosta u persuni ohra, dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309 u 310 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih. Il-Qorti fissritlu xi tfisser ammissjoni. Tenna l-istess.

Rat l-artikoli 308 u 310 (1) tal-Kapitolu 9 kif wkoll l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta. Tiddeciedi li tapplika l-ahhar imsemmi artikolu stante il-fedina penali nadifa u l-eta zghira ta' l-akkuzat u stante wkoll li kollox gie 'mrodd' lura lill-propjetarju.

Ghalhekk fil-waqt li ssibu hati, tilliberah that il-provedimenti ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta u qed ifissirlu l-import ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------